MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Appell Civili Numru. 2544/2003/1

**GasanMamo Insurance Limited surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Antonio Marmorato, u l-istess Antonio Marmorato**

**vs**

**Susan Pavia**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Gunju, 2004 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Dicembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u sitt liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm906.38) u dana in kwantu ghas-somma ta' tmien mija u wiehed u tletin lira u

tmienja u tletin centezmu (Lm831.38) lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u sebghin lira (Lm75.00) lill-attur Antonio Marmorato, rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru LCC-825 fit-13 ta' Novembru, 2002, gewwa San Gwann, habat mal-vettura numru IBE-976 propjeta` ta' Antonio Marmorato u kkaguna danni f'din l-istess vettura;

Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Settembru, 2003 u tal-parir hmistax-il lira (Lm15.00) kontra l-konvenuta, u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenuta, bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali bil-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fil-21 ta' Jannar, 2004 fejn intqal illi:

It-talba tal-atturi ghall-hlas tal-ammont ta' disa' mija u sitt liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm906.38), ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi l-incident *de quo* sehh minghajr ebda tort imputabbli lill-konvenuta, izda sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur Antonio Marmorato, kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Antonio Marmorato, Susan Pavia u PS 131 Nicolette Leotta. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

1. Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fit-13 ta' Novembru, 2002 fi Triq il-Mensija, San Gwann, ghall-

habta tat-3pm, bejn il-vettura IBE-976 misjuqa mill-attur u l-vettura LCC-825 misjuqa mill-konvenuta.

2. Jirrizulta illi l-attur kien gej minn Triq is-Santwarju, fid-direzzjoni tar-roundabout, filwaqt illi l-konvenuta kienet gejja minn Triq il-Mensija ukoll miexja fid-direzzjoni tar-roundabout.

3. Skond ir-road accident report esebit a fol.2 sa 4 tal-process, l-attur qal li meta wasal f'salib it-toroq ra li l-konvenuta ma waqfitx fuq il-give way sign, u peress illi t-tnejn komplew sejrin sehhet il-kollizzjoni. Il-konvenuta tghid li meta qed tavvicina salib it-toroq naqqset fil-velocita`, pero` fsalt sehhet il-kollizzjoni. Skond il-konvenuta probabbli li l-attur kien ghaddej b'velocita`.

4. Skond l-attur hu waqaf fuq il-« give way sign » fit-triq li kien gej minnha biex jaghti precedenza ghall-karozzi li kienu gejjin mill-lemin. Wara li hareg u kien ser jaqbad ir-roundabout, giet il-konvenuta, skond ma jghid l-attur, minghajr ma waqfet u baqghet hierga dritt ghal fuqu. L-attur ma qabilx mal-iskizz esebit a fol-5 tal-process, inkwantu hu kien gej mid-direzzjoni XY u mhux mil-punt X kif indikat. F'dan is-sens it-Tribunal ikkonstata li l-attur ghandu ragun. Inoltre l-attur jghid li hu ma spiccax angolat lejn ir-roundabout, izda bi dritt maghha. Anke f'dan ir-rigward mir-ritratti esebiti jirrizulta li l-attur hu korrett. Ir-ritratti Dok.AM1 sa AM4 juru bic-car ir-ritratti wara l-incident, fil-post tal-incident.

5. Il-konvenuta tghid li waqfet fuq l-istop sign, imxiet u sabet lill-attur gej b'velocita` go fiha. Dwar dan il-punt ta' velocita` it-Tribunal ma jaqbilx li l-attur kien ghaddej b'xi velocita`. Illi kieku kien ghaddej b'velocita` id-danni kienu jkunu ferm aktar ingenti milli fil-fatt kienu.

6. L-attur garrab hsara fuq quddiem, filwaqt li l-konvenuta kellha l-hsara fuq il-mudguard tal-lemin u r-rota u tqacctilha l-isteering minn gewwa. Il-konvenuta rat lill-attur meta kien tul ta' karrozza il-boghod minnha. Hi kellha vizwali twila fuq il-lemin minn fejn kien gej l-attur.

7. Jidher li z-zewg vetturi kellhom brake marks qosra, li pero` mir-ritratti Dok.AM1 sa AM4, jindikaw bic-car illi qabel ma sehh l-impatt z-zewg sewwieqa kienu intebhu b'xulxin u kisru f'manuvra evasiva li ma rnexxietx.

8. Ma hemmx dubbju illi l-affarijiet kienu jkunu differenti kieku gie pruvat illi filwaqt li l-attur kien gja telaq minn fuq

il-give way sign, il-konvenuta baqghet hierga. Pero` mill-posizzjoni kif spiccaw il-vetturi jirrizulta piuttost illi l-konvenuta kienet gja telqet minn fuq l-istop sign meta l-attur baqa' hareg minn fuq il-give way sign.

9. Mill-provi ghalhekk jirrizulta illi filwaqt illi l-attur kien gja telaq mill-give way sign, u l-konvenuta fl-istess waqt u probabilment xi ftit qablu kienet harget mill-istop sign, iz-zewg sewwieqa kienu f'posizzjoni li jaraw wiehed lill-iehor, haga li m'ghamlux hlief meta waslu kwazi ma xulxin, meta kien tard wisq biex jieqfu. Ghalhekk fic-cirkostanzi it-Tribunal iqies li z-zewg sewwieqa kienu jahtu b'mod ugwali ghall-incident li sehh.

10. Bhala danni l-atturi hallsu l-ammont ta' disa' mija u sitt liri Maltin u tmienja u teltin centezmu (Lm906.38). In kwantu iz-zewg sewwieqa kienu jahtu ugwalment ghall-incident li sehh jigi li l-konvenuta trid thallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tlieta u hamsin lira Maltija u dsatax-il centezmu (LM453.19).

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddikkjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident biss fi grad ta' nofs, u konsegwentement jikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tmienja u sebghin lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm378.19) u lill-attur Antonio Marmorato s-somma ta' hamsa u sebghin lira (Lm75.00). Bl-imghax legali dekorribbli millum, salv hu impregudikat id-drittijiet tal-konvenuta fil-konfront ta' l-attur ghad-danni minnha subiti.

Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet."

Is-socjeta` assiguratrici attrici u s-sewwieq, assigurat taghha, Antonio Marmorato appellaw minn din is-sentenza tat-Tribunal. L-aggravju taghhom hu limitat ghall-kwistjoni tar-responsabilita` ghall-incident, li huma jsostnu li dan sehh unikament tort tal-konvenuta. Dan igib li l-indagni tal-Qorti hi wahda limitata ghall-verifika tal-htija;

Kif jirrizulta mill-att ta' l-avviz l-atturi appellanti jippretendu li l-htija kollha tal-kollizjoni ghandha taqa' fuq il-konvenuta appellata billi jallegaw li s-sewqan taghha kien wiehed negligenti u traskurat. Mill-korp ta' l-eccezzjoni taghha l-appellata tadopera b' difiza l-istess allegazzjoni. Hi tissottometti illi l-incident kien dovut ghat-traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tas-sewwieq l-iehor, u cjoe, l-attur fuq imsemmi;

Mill-apprezzament tieghu tal-fatti t-Tribunal sab li z-zewg konducenti kienu jahtu b' mod ugwali ghall-incident in ezami;

In linea ta' osservazzjoni preliminari jinsab enuncjat illi l-kwistjoni ta' negligenza kontributorja ma tistax tigi deciza fuq supposti principji aprijoristici jew regoli legali fissi, izda skond principji ta' sens komun. Ara sentenza fl-ismijiet "**Edward George Arrigo *nomine* -vs- Paul Laferla**", Appell Kummercjali, 16 ta' Mejju 1960 (**Vol. XLIV P I p 366**);

Jinsab deciz ukoll illi bhala regola, f' materji konsimili, id-decizjoni ta' l-ewwel tribunal ma ghandhiex tigi disturbata hlief f' kazijiet eccezzjonali, peress illi din hi materja ta' diskrezzjoni. Biex id-diskrezzjoni wzata tigi disturbata jehtieg illi jkun jidher car illi hemm ragunijiet ta' certa gravita`. Ara "**Cristino Zahra -vs- Raymond G. Ashley**", Appell Civili, 24 ta' Gunju 1960 (**Kollez. Vol. XLIV P I p 195**);

Fil-kaz prezenti din il-Qorti ma tirriskontrax tali ragunijiet gravi li jgeghluha tallontana ruhha mill-konkluzjoni tat-Tribunal. Din il-Qorti tibda biex titlaq mill-premessa generika illi meta wiehed qed isuq fil-vicinanzi ta' *roundabout* dan ma jfisserx illi jista' jsuq kif joghgbu imma jfisser illi bhal dejjem ghandhom jigu segwiti r-regoli ta' sewqan prudenti dettati mic-cirkostanzi. Din il-mizura ta' dixxiplina fis-sewqan tinkombi fuq kull konducent. Dak li

allura jokkorri li jigi ezaminat mill-Qorti huwa dak li tara jekk kienx hemm nuqqas ta' xi hadd mis-sewwieqa meta gew biex jintercettaw it-traffiku li f' dak il-mument kien qed javvicina r-*roundabout*;

Mid-deposizzjonijiet taz-zewg sewwieqa jigi notat illi dawn it-tnejn jikkritikaw l-iskizz preparat minn PS 131 Nicholette Leotta. Hekk per ezempju l-konvenuta tiddikjara illi l-vettura tas-sewwieq l-iehor ma kienetx gejja mit-triq indikata fl-iskizz fuq il-lemin izda minn triq aktar 'il fuq (fol. 34). Minn naha tieghu s-sewwieq Antonio Marmorato jissottometti li hu ma jaqbelx ma' l-iskizz in kwantu hu ma kienx f' posizzjoni angolata izda bid-dritt mar-*roundabout* (fol. 25). Iressaq ukoll b' osservazzjoni illi l-iskizz ma jurix l-i*spot of impact* u li skond hu kien xi metru u nofs jew zewg metri 'l quddiem (fol. 27);

Ma jista' qatt ikun dubitat illi, kif drabi ohra deciz, il-prova ta' l-indikazzjoni preciza ta' l-i*spot of impact* tassumi rilevanza, importanza u valur sinifikanti u normalment tiswa aktar minn dak li jghidu x-xhieda okkulari, li ta' spiss, anke minghajr ma jridu, ma jirrakkontawx il-fatti kif verament graw. Ara decizjoni fl-ismijiet "**Paul Deguara -vs- Thomas Cauchi**", Appell, 27 ta' Frar 1996;

Issa l-appellanti jikkontestaw lit-Tribunal il-fatt illi dan ma addebitax wisq attenzjoni lill-fatt li minn fejn kienet gejja l-konvenuta kien hemm *stop sign*, u li skond huwa din harget minn warajh *ex abrupto*, minghajr debita attenzjoni ghat-traffiku gej minn fuq il-lemin taghha;

Huwa fatt konstatat mix-xhieda taz-zewg sewwieqa illi skond il-verzjonijiet taghhom huma jikkontendu illi t-tnejn li huma kienu qabdu r-*roundabout* meta sehh l-incident. Mill-iskizz hu difficli ferm li jigi determinat b' certezza min fost iz-zewg sewwieqa lahaq qabez ir-*roundabout* u allura min fosthom kien obbligat li jaghti precedenza lill-iehor. F' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ssib li z-zewg *drivers* kienu fl-obbligu li juzaw prudenza u jaghtu attenzjoni xierqa biex jekk ikun il-kaz jaghtu precedenza lil min ikun lahaq ir-

*roundabout* qablu.  Hi l-fehma taghha li f' dan il-kaz iz-zewg sewwieqa qabdu u hargu mill-posizzjoni antecedenti taghhom f' tentattiv li jippruvaw kull wiehed minnhom jilhaq huwa l-ewwel ir-*roundabout*.  Ghalhekk, anke ghal din ir-raguni, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni milhuqa mit-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------